Minuti tal-laqgħa Nru 9 (Disa') tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, 2013 fid-9.00am

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Attard Neil |
| Kunsilliera | Borg Mary Doris |
| | Buttigieg Antonia |
| | Azzopardi Joseph |
| | Residenti |
| **L-Uffiċjal:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

1.1 Is-Sindku ppresjeda l-Laqgħa u ddeċieda bi qbil unanimu li naqbżu għal punt fuq it-tagħlim tat-tfal.
Is-Sindku qal li kellna ittra mill-ġenituri ta' dawk it-tfal li attendew għal klassijiet tas-Sajf. L-ittra tgħid biex it-tagħlim isir ukoll matul is-sena skolastika.

Is-Sindku qal li fis-Sajf m'għandnix problema pero' għax-Xitwa għandna problema għaliex ikollna noħorġuha max-Xgħajra kollha għaliex għandna madwar 340 tfal u apparti hekk irridu nerġgħu nitkellmu mal-Iskola u mall-Kunsill Skolastiku.

Kien hemm suġġeriment mingħand ir-residenti preżenti li nibgħatu ittra l-Iskola u lir-residenti kollha biex naraw jekk hemmx aktar interessati. Is-Sindku qal li minħabba dawn il-problemi l-aħjar jibqgħu isiru fis-Sajf pero' nippubliċitizzaw aħjar biex ikollna aktar konkorrenza.

Għalhekk ġie deċiż li s-Sinjura Doris Borg tiġi nkarigata li tkellem lis-Surmast fuq din il-proposta kif ukoll lill-Kunsill Skolastiku sabiex nesploraw il-possibiltajiet hemm.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-Minuti u approvazzjoni tagħhom.

2.1 Il-Minuti nqraw u ġew approvati unanimament u kien hemm qbil sabiex mill-Laqgħa li jmiss jibdew jitqassmu ġimgħa qabel il- Laqgħa.

IX-XGĦAJRA

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising

3.1 Rigward il-telephone box ta' mal-għassa għandna korrispondenza mingħand il-GO li ma jistgħux jaqalgħuha għalissa sakemm ikollna l-konferma fejn ser teħel.

3.2 Minuta 3.2 Is-Sindku qal li l-camera waslet għalhekk issa ser titwaħħal kif miftiehem fil-laqgħa ta' qabel.

Fuq l-istess minuti, il-cats eyes ta' Triq ic-Cern li kienu inqalgħu issa twaħħlu kif ukoll anke s-sleeping police.

3.3 Is-Sindku qal li ltqajna mal-kuntrattur tal-playing equipment fuq il-post sabiex inkunu nistgħu naraw kemm tiswa il-kids area u hu ssuġġerixxa li tiġi kif tidħol fuq in-naħa tax-xellug.

Rigward il-faċilitajiet sanitarji kien hemm suġġeriment li tinfetaħ il-parti t'isfel fejn il-hall u ssir għall-użu ta' min ikun il-bandli. Is-Sindku qal li mhux idea tajba li tinfetah isfel għax dan ifisser li dan ikun miftuh għall-pubbliku u minħabba li għadu fi stat ta' kostruzzjoni joħloq xi periklu u għalhekk għandna naraw x'tinvolvi l-ħaġa u xi alternattiva oħra li jsir toilet temporanju fil-garaxx tal-bandli. Għalhekk tajjeb li nkellmu lil Perit biex naraw x'inhi l-aħjar option.

3.4 Minuta 3. 5 -Smart City – Għad għandna problema bil-ħsejjes tal-himac. Ser ikun hemm xogħol ta' tqattih tat-triq ma' Dawret ix-Xatt in-naħa ta' Smart City minħabba li ser iqabbdu id-drain tal-parti t'isfel ta' Smart City. Dan ix-xogħol hu maħsub li jdum madwar ġimgħatejn.

3.5 Impjant ta' Barkat – Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa li kellna l-WSC qalu li rigward l-irwejjaħ ser tiġi ppublikata t-tender għall-kimika biex toqtol l-irwejjaħ propju f'Diċembru. Apparti hekk rigward il-landscaping il-WSC għadhom qed jistennew lil MEPA li jagħtuhom l-approval għalhekk tajjeb li nsejħu laqgħa mal-MEPA fejn ikunu preżenti il-Kunsill u l-WSC.

IX-XGĦAJRA

3.6 Xogħol ta' Trasport Malta f' toroq u Bankini – Is-Sindku qal li rridu nagħmlu laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi sabiex naraw kif nistgħu nkomplu dan ix-xogħol li kien miftiehem mal-Ġvern preċedenti.

3.7 Twinning - Rigwrad l-invit li kellna minn Colletorto is-Sindku qal li morna u kellna ospitalita' tajba. Sar qbil li l-persuni li marru joħorġu parti mill-ispejjeż sabiex ma jkunx hemm spejjeż addizzjonali fuq il-Kunsill. Għamilna kuntatti ġodda mal-Kunsill ta' Pelplin mill-Polonja kif ukoll ma' Kunsill fl-Ungerija viċin ta' Budapest. Sa Borg qalet li rċeviet kuntatt mill-iskola primarja ta' Colletorto fejn hemm interess li dawn jidħlu f'xi programm mal-iskola tax-Xgħajra. Sar ftehim li nkellmu lis-Surmast sabiex naraw x'inhi l-possibbilta' li s-Surmast ikun jista' japplika għal-Proġett tal-Comenius sabiex ikun hemm xi tip ta' exchange ma' dawn il-Kunsilli Ewropej u fl-istess ħin inkellmu wkoll lil MEUSAC sabiex naraw xi proġetti li hemm available bħalissa li nistgħu napplikaw għalihom.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni tal-infieq t'Ottubru

4.1 Il-pagamenti għax-xahar t'Ottubru ġew approvati unanimament.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Hemm problema bl-ilma tax-xita quddiem il-Joe Joe's li qiegħed jinġema fit-triq u mhux qed ikollu minn fejn jgħaddi. Is-Sindku qal li dak kien xogħol tal-Public Works u għalhekk irridu nkellmu lis-Sur Ray Farrugia DG PWD u l-Periti l-oħra tal-Public Works sabiex naraw x'jista' jsir biex ma jibqax ikun hemm dan l-inkonvenjent kif ukoll għax hemm problema li qiegħed jinġema' l-ilma fejn in-naħa tal-Milord max-xatt fejn ilma tax-xita u ieħor qiegħed jinżel mit-triq ta' fuq u ma' ġenb bini ezistenti.

5.2 Railing tal-promenade – Is-Sindku qal li r-railing tax-Xatt li qed isewwu l-Public Works issa ġabu l-ewwel parti lura u ħadu biċċa oħra.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Korrispondenza

6.1 Newsletter- Is-Segretarju qal li rridu nibdew naħdmu fuq il-kontenut u nkunu nistgħu nibgħatuha lil Printers sabiex inqassmuha bieb bieb.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

6.2 Is-Segretarju fakkar lil Kunsilliera li d-deadline tal-iskema tal-Attivitajiet hija miftuha u ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa 29 ta'Novembru għalhekk min għandu xi suġġerimenti li nistgħu inżiduhom għal programm ta' Lapsi u Jum ix-Xgħajra jagħmel dan mil-aktar fis sabiex ikunu jistgħu jidħlu fl-applikazzjoni fil-ħin.

.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Fuq suġġeriment ta' Neil Attard kien hemm qbil li ssir attivita' ta' Talent lokali ta' Kant għat-tfal ta' taħt it-12-il sena. Din l-attivita' ġiet miftiehem li ssir nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru fis-7pm u noħorġu l-applikazzjoni għal dawk interessati sa nhar is-6 ta' Diċembru. Sar suġġeriment ukoll sabiex naraw jekk l-iskola hux ser itellgħu xi plays għal żmien il-Milied li jkunu jistgħu jittelgħu wkoll f'dan it-Talent Show. Ma kienx hemm oġġezzjoni li dan ix-show jiġi ppreżentat mis-Sinjorina Angela Coleiro. Is-Sur Attard ħa l-inkarigu sabiex jikkoordina din l-attivita'.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Kien hemm qbil li jekk tal-Maltapost ma laqgħux il-proposta tagħna li jiġu bil-Mobile Post ikollna Sub Post office fi Stationery fix-Xgħajra. Is-Sindku spjega li dan is-suġġett kien tqajjem bosta drabi fi snin preċedenti u kull kuntatt ma' tal-posta/WSC ġew miċħuda għalhekk sabiex sub-post office tiġi aċċettata ġo xi ħanut, trid issir applikazzjoni minn dak il-ħanut u l-Kunsill ikun jista' japprova. Is-Segretarju għandu jagħmel xi riċerka fuq dan is-suġġett.

8.2 Kien hemm suġġeriment li issir ATM ġewwa x-Xgħajra. Is-Sindku qal li għamilna diversi tentattivi mal-Banek kummerċjali . Is-Sur Neil Attard qal li hu ser ikellem lil xi ħadd mil-BOV sabiex naraw jekk din it-talba tistax tiġi milqgħuha.

8.3 Kien hemm suġġeriment li induru is-sinjali tat-toroq għaliex hemm ħafna minnhom mitfijin u għandhom bżonn ta' refreshing. Is-Sindku qal li dan hu xogħol li jista' jsir biss fil-bnazzi imma jekk hemm xi intersections li għandhom bżonn għandna nġibu lill-kuntrattur biex jagħmilhom u jekk mhumiex intersections importanti jistgħu isiru mill-ħaddiema tagħna.

8.4 Rigward l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sindku qal li Jael Ellul ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja aċċettat din il-kariga u l-Kunsill qabel unanimament.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

8.5 Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex bħal kull sena jattendu għall-għoti tal-boroz ta' San Martin nhar is-Sibt 16 ta' Novembru fid-9.00am mis-Sala ta' ħdejn il-Librerija.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda – Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta, 17 ta' Diċembru, 2013 fid-9.00am

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt